**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 428/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Shamison Stafrace**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Shamison Stafrace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 212197M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. Fis-16 t'April 2019 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija, flimkien ma' persuni oħra, ikkommetta serqa minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' The Convenience Shop li jinsab fi Triq Ghajn Dwieli, Paola, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin u dan għad-dannu ta' Renato Vidal u/jew persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.
2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Keoney Demicoli u persuni oħra kontra l-volonta' tagħhom skont l-Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. Fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta fuq il-persuna ta' Lara Chetcuti skont kif iċċertifika Dr. Josie Muscat.
4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu, b'sentenza tal-Qorti talMaġistrati (Malta), Maġistrat Dr. N. Camilleri LL.D, datata 7 ta' Marzu 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
6. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu riċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti –

(a) Ma sabitx lill-imputat Shamison Stafrace ħati tal-ħames (5) imputazzjoni u lliberatu minnha;
(b) U wara li rat l-artikoli 7, 15A, 17, 31, 49, 50, 86, 87(e), 221(1), 221(2), 214, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 274(c), 275, 277(b), 279, 280(2), 289, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni u ikkundanatu għall-piena karċerarja komplessiva ta' erba' snin priġunerija.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 532A tal-Kap. 9 u b'applikazzjoni ta' dak li jistipula l-istess artikolu li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Kap. 446, ikkundannat ukoll lill-imputat sabiex huwa jħallas lil Renato Vidal bħala s-sid tal-Convenience Shop l-ammont ta' tlett mitt ewro (€ 300) li huwa l-ammont li ġie misruq mill-istess ħanut. In oltre, l-Qorti wara li rat wkoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-ħati sabiex huwa jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont komplessiv ta' seba' mija, sitta u sebghin Ewro u disgha u tletin centemzu (€776.39) rapprezentanti l-ispejjeż tal-esperti inkorsi f'dawn il-proċeduri.

Rat ir-rikors tal-appellant, Shamison Stafrace, ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dana billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitux ħati tal-ħames akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tas-sitt akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minnhom jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dana billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet għal diversi drabi x-xhieda tal-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju vventilat minnu, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali dwar il-ħtija tal-appellant għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Huwa jgħaddi sabiex jelenka dawk li dehrlu li kienu nuqqasijiet fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Illi, għal fini biex ikun ikkunsidrat dan l-aggravju, l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, fis-16 ta' April 2019, il-Pulizija Ezekuttiva ġiet infurmata li kienet seħħet serqa armata minn ġewwa l-ħanut magħruf bhala *The Convenience Shop*, f'Għajn Dwieli, Raħal il-Ġdid. Jirrizulta illi żewġ persuni tas-sess maskili, lebsin ingwanti u *hoodie* li jgħattilhom wiċċhom daħlu ġewwa dan l-imsemmi stabbiliment u talbu lill-kaxxiera Keyonie Demicoli għall-flus. Demicoli tixhed illi wieħed mill-aggressuri kellu mus

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

f'idejh u fil-kommossjoni li seħħet mal-kaxxiera msemmija, ċertu Lara Chetcuti, li dak il-ħin inzertat kienet qed tixtri minn dana l-istabbiliment, sofriet grieħi ta' natura ħafifa. F'dak il-mument, l-aggressur l-ieħor tefa' *stand* fid-direzzjoni tal-kaxxiera u l-aggressur li kellu l-mus f'idejh qabad parti mill-*cash register* li kienet mimlija flus u t-tnejn li huma ħarbu minn fuq il-post lejn id-direzzjoni tat-tarzna magħrufa bħala *Palumbo Shipyard*.

Illi l-Ewwel Qorti għaddiet biex issib ħtija fl-appellant għal dan is-sinistru abbażi ta' provi forensiċi konsistenti f' traċċi ta' DNA misjuba fuq *hoodie* li jixbaħ dik li kien liebes wieħed mill-malviventi. u li nstab ftit merti 'il bogħod mix-xena tad-delitt u fil-lok fejn wieħed mill-malviventi deher jaħrab wara s-serqa, kif ikkonfermat mill-filmati ta' kameras tas-sigurta' elevati fil-kors tal-investigazzjoni. Illi mill-eżamijiet forensiċi li saru fuq dan il-*hoodie*, id-DNA misjub fuqu kien jaqbel ma' dak tal-appellant. Illi dan il-*hoodie* imbagħad kien identifikat bħala identiku għal dak li kien liebes wieħed mill-malviventi li kien armat bil-mus. Abbażi ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant għar-reati lilu addebitati, għajr għal ħames imputazzjoni li minnha huwa kien illiberat. Issa l-appellant jirriskontra diversi nuqqasijiet f'dan l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti u li fuqu sejset il-ħtija.

1. **<u>*Hoodie* li nstabet iktar l-isfel mill-ħanut</u>**

Illi, l-appellant l-ewwel u qabel kollox, jibda' sabiex jattakka l-prova magħmula permezz tas-sejba ta' *hoodie* blu mill-Pulizija ma'l-art viċin ix-xena tad-delitt. Huwa jirrileva li l-Ewwel Qorti ma setatx tasal għal konkluzjoni li dan il-flokk jappartjeni lilu stante li dan instab barra fit-triq u ma kienx jiriżulta mill-provi il-perijodu taż-żmien kemm kien ilu mormi barra l-imsemmi flokk jew lil min kien jappartjeni. *In oltre* jirrileva li l-istess flokk misjub ma kellu l-ebda partikolaritajiet li jagħmluh differenti minn *hoodies* oħrajn tal-istess għamla, u għalhekk ma jistax ikun hemm ċertezza li dan kien l-istess wieħed li kien liebes wieħed mill-malviventi. Fl-aħħarnett, l-appellant jilmenta mill-fatt li dan il-*hoodie* ma kienx muri lill-kaxxiera Keyonie Demicoli waqt id-deposizzjoni tagħha quddiem l-Ewwel Qorti sabiex hija tkun tista' tikkonferma *o meno* jekk dak kienx l-istess flokk li kien liebes l-aggressur.

Illi, l-appellant donnu jinsa illi abbinat ma' din il-prova dwar is-sejba ta' dan il-flokk hemm il-prova magħmula permezz tal-filmati tas-CCTVs elevati u eżebiti in atti, kif ukoll dak li emerġa mix-xhieda ta' Keyonie Demicoli u Lara Chetcuti, li t-tnejn jikkonfermaw illi l-aggressur li kien armat bil-mus kien liebes *hoodie* ta' lewn blu jew skur. Ġie ikkonfermat ukoll mill-istess filmati li hekk kif l-aggressuri ħarbu mill-ħanut, huma niżlu fid-direzzjoni tal-*Palumbo Shipyard* fejn hemmhekk ħadu direzzjonijiet differenti – l-aggressur li kellu l-mus ħarab għal ġo trejqa li tagħti għall-għelieqi filwaqt li l-aggressur l-ieħor baqa' sejjer lejn ix-*shipyard*. Issa l-*hoodie* li nstab, ta' lewn blu u b'zip abjad, kien misjub propju ftit qabel dina t-trejqa li minnha ħarab l-aggressur li kien armat, li mill-filmati u mix-xhieda prodotti, jirriżulta li dan il-malvivent kien liebes propju *hoodie* ta' kulur blu. Jiġi nnutat ukoll li fuq dana l-istess *hoodie* nstabu traċċi sinjifikanti tad-DNA kompatibbli ma' dak tal-appellant. Illi dawn il-provi indizzjarji forensiċi, ma jigdbux u għalhekk l-ammont konsiderevoli tad-DNA li nstab fuq il-flokk jindika żewġ affarijiet, l-ewwel illi l-flokk ma kienx ilu mormi fil-post fejn instab għaliex altrimenti il-presenza tad-DNA ma kenitx tkun daqstant b'saħħitha u kienet tkun ikkontaminata minn fatturi oħra, u fit-tieni lok għalhekk jikkonsegwi illi lanqas ma kien għadda ħafna ħin minn meta kien milbus mill-persuna li fuqu kien hemm it-traċċi ta' DNA tagħha. Apparti minn hekk, l-ispjegazzjoni mogħtija mill-appellant illi huwa jsellef il-ħwejjeġ lil ħafna nies u għalhekk dak il-*hoodie* seta' kien milbus minn persuna oħra u mhux minnu, hija affermazzjoni fjakka u ma tilħaqx il-grad ta' prova minnu mistennija. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt illi, kif ingħad, il-presenza qawwija ta' DNA tiegħu fuq dan il-*hoodie* ixejjen din il-verżjoni tiegħu tal-fatti.

Illi, l-appellant imbagħad, jikkritika l-fatt li l-*hoodie* li ntwera lill-kaxxiera Demicoli *a tempo vergine* ma kienx l-istess *hoodie* li eventwalment ġie ppreżentat in atti u li fuqu saru t-testijiet forensiċi odjerni. Illi lanqas hawn ma għandu raġun l-appellant, u dan għaliex l-atti jindikaw xort'oħra. Dan għaliex c-*chain of custody* ta' dana l-istess *hoodie* hija ddokumentata preċiżament u ma hemm l-ebda dubbju li dan l-istess flokk huwa l-istess wieħed mill-mument li kien elevat, ippreservat,mgħoddi f'idejn l-espert sa ma fl-aħħar wasal il-Qorti. *Di fatti*, mill-atti proċesswali jirriżulta li l-*hoodie* nstab minn

WPS 210 Tania Mangion, tħallha *fixed point* (PC 213 Gary Magri) ma' l-istess sakemm waslu l-membri tal-Forensika – PS 586 Mario Azzopardi u PC 976 Thomas Zammit – li eventwalment ġabru l-istess flokk u għaddewh lil Dr Marisa Cassar sabiex isiru t-testijiet relevanti fuqu. Għaldaqstant, dan l-ilment tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u qed jiġi respint.

2. **<u>L-ezami komparattiv minn naħa tal-esperti fuq l-istess *hoodie*</u>**

Illi, l-appellant f'dan l-aggravju jilmenta illi r-rapporti ta' Dr Marisa Cassar u ta' Gilbert Mercieca għandhom jiġu sfilzati minħabba kunflitt fl-identita' tal-appellant kif indikat fihom, fejn fir-rapport ta' Dr.Cassar, l-karta tal-identita' ndikata hija dik bin-numru 21297M mentri fir-rapport ta' Gilbert Mercieca, in-numru tal-karta tal-identita' huwa mniżżla bħala 222197M, meta ebda wieħed minn dawn in-numri tal-karta tal-identita' ma jappartjenu lilu, billi n-numru tiegħu huwa 212197M.

Issa ma hemmx dubbju illi fiż-żewġ rapporti n-numru tal-karta ta'l-identita tal-appellant huwa indikat b'mod erronju, madanakollu lanqas hemm dubbju illi dan kien jammonta għal *lapsus komputetri* u nfatti din l-ipotezi ssib konfort ukoll minn eżami akkurat tar-rapport tal-espert tal-Qorti Gilbert Mercieca fejn jirriżulta s-segwenti:–

> **Fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Lulju 2020, l-esponent ħa l-kampjun orali ta' Shamison Stafrace, li ttieħed seduta stante mill-esponent.**

Illi, f'din l-istanza ma kienx hemm xi pluralita' ta' akkużati sabiex b'hekk seta' jinħoloq dubbju dwar liema kampjun kien eżaminat u lil min kien jappartjeni. M'hemmx dubbju li l-kampjun orali li ttieħed minn Gilbert Mercieca, ai fini ta' komparazzjoni, ittieħed propju mill-persuna ta' l-appellant u minn ħadd aktar, u dan immaterjalment minn numru tal-karta ta'l-identita' li ġie indikat fir-rapport. Għaldaqstant, anke dan l-ilment tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

3. **<u>Ħadd mix-xhieda okulari għall-event kriminuż imressqa mill-Prosekuzzjoni ma għaraf lill-appellant bħala wieħed mill-malviventi.</u>**

Illi, ilment ieħor li jressaq l-appellant huwa dwar in-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-persuna tiegħu bħala wieħed mill-malviventi, lanqas mill-vittmi nfushom. Illi, huwa minnu li ħadd mix-xhieda ma setgħu jikkonfermaw li l-appellant kien l-aggressur li kellu l-mus fil-waqt tas-serqa, u dan għaliex il-malvient kien liebes *hoodie* li oskuratlu wiċċu. Minkejja dan madanakollu xorta waħda kien hemm biżżejjed indizji li jippuntaw lejn il-ħtija tal-appellant.

4. ***Tattoo***

Illi, mill-atti proċesswali jirrizulta li meta l-kaxxiera Demicoli kienet qed tissara mal-aggressur, hija ġibditlu l-*hoodie* li kien liebes fuq rasu u rat *tattoo* fuq għonqu li ġiet deskritta bħala "**qisha forma ta' nokklu**". L-appellant jilmenta illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar x'tip ta' *tattoo* kienet u għalhekk l-għamla u in-natura tagħha qatt ma kien stabbilit. Fil-fatt ma hemm ebda prova in atti li torbot lill-persuna tal-appellant ma' xi tpinġija fuq għonqu kif allegat mill-allegata vittma. Qatt ma tressqet xi prova li l-appellant kellu din it-tip ta' *tattoo* fuq persuntu u wisq anqas ma tressqet prova li b'xi mod tallaċja it-*tattoo* li rat il-vittma mat-*tattoo* li seta' għandu (jew m'għandux) l-appellant. Għaldaqstant, dwar dan il-punt, l-appellant għandu raġun, għalkemm l-Ewwel Qorti sabet ħtija mhux fuq dan l-indizju.

5. **Il-filmati u l-*istills* illi ġew estratti mill-filmati ma jurux l-persuna ta'l-appellant**

Illi, finalment l-appellant jisħaq li l-persuna tiegħu ma tidher fl-ebda wieħed mill-filmati tas-CCTVs elevati u għalhekk, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt ikollha l-konvinċiment morali li hu seta' kellu xi tip ta' involviment fis-serqa in kwistjoni.

Illi, PC 1404 Dale Cassar, li eleva d-diversi filmati in kwistjoni, xehed li minn l-istess tirriżulta s-segwenti sekwenza ta' fatti:–

i) Vettura tal-għamla Fiat Punto ta' lewn blu tidher ġejja minn Triq Tlett Ibliet u baqgħet sejra lejn Għajn Dwieli. Din l-istess vettura imbagħad naqqset il-veloċita' quddiem il-*Convenience Store* u daħlet fi trejqa żgħira li tagħti għall-

*Palumbo Shipyard*. Minn dina l-vettura ħarġu żewġ individwi u l-vettura baqgħet nieżla lejn is-*shipyard*.

ii) Sussegwentement jidhru żewġ persuni jaqsmu t-triq li baqgħu telgħin 'il fuq fit-telgħa ta' Għajn Dwieli. Dawn iz-zewġ persuni qasmu għall-*Convenience Store* u wieħed minnhom daħal ġewwa u l-ieħor baqa' barra. Huma dehru lebsin ingwanti u *hoodies*.

iii) Il-persuna li daħlet ġewwa l-istabbiliment tidher toħroġ sikkina u bdiet ixxejjer l-istess.

iv) Qamet kommissjoni bejn il-persuna li kellha s-sikkina u l-kaxxiera.

v) Il-kaxxiera tidher taħtaf il-*hoodie* tal-aggressur fejn inkixef ftit il-wiċċ.

vi) Jidher l-aggressur l-ieħor jitfa' *stand* lejn il-kaxxiera.

vii) L-aggressur li kellu s-sikkina jidher jaqbad il-*cash register* u wara dan jidhru z-zewġ aggressuri jitilqu jiġru minn fuq il-post.

viii) L-aggressuri jidhru neżlin in-nizla ta' Għajn Dwieli fejn reġgħet dehret il-vettura li dehret aktar kmieni, dieħla ġewwa l-*petrol station* biswit il-*Convenience Store*.

ix) Wieħed mill-aggressuri (li kellu l-mus) jidher dieħel ġewwa trejqa li tagħti għall-għelieqi filwaqt li l-aggressur l-ieħor baqa' sejjer lejn ix-*Shipyard*.

x) Tidher l-istess vettura nieżla lejn id-direzzjoni tal-aggressuri, fejn meta ma sabitomx, telqet u baqgħet sejra.

Illi, huwa għalhekk minnu li fil-filmati ma jidhirx wiċċ l-aggressur tali li jista' jiġi identifikat, madanakollu fihom hemm ikkonservata is-sekwenza ta' kif ġara l-akkadut, liema fatti huma kkorroborati minn evidenza oħra imressqa mill-Prosekuzzjoni fosthom tal-allegati vittmi stess li jagħtu rakkont dettaljat dwar dak li seħħ f'dik il-lejla. Magħdud ma' dan, imbagħad, il-provi ċirkostanzjali u indizzjarji f'dan il-każ jassumu rwol importanti ħafna għaliex jagħtu stampa ċara tad-dinamika ta' l-istess inċident. Ovvjament, bħal kull prova indiretta oħra, jridu jkunu tali li jwasslu għall-konkluzzjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbilita' kriminali tal-imputat jew akkużat.

Illi, mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni jemerġu għadd ta' indizji li jorbtu lill-appellant ma'l-event kriminuż:

i) L-aggressur li kien armat b'mus kien liebes *hoodie* blu. L-istess aggressur ħarab mill-*Convenience Shop* fid-direzzjoni tal-*Palumbo Shipyard* fejn daħal fi trejqa li tagħti għall-għelieqi. Hemmhekk propju instabet *hoodie* blu mal-art.
ii) Fuq dina l-istess *hoodie* blu, mill-provi forensiċi magħmula mill-esperti tal-Qorti, instab ammont qawwi ta' traċċi ta' DNA li kien jikkombaċja perfettament ma' dak tal-appellant. Minn naħa tiegħu, l-appellant ma jagħti ebda spjegazzjoni valida dwar il-presenza tad-DNA tiegħu fuq dina l-*hoodie*, liema raġuni setgħet b'xi mod jew ieħor ixxejjen it-tezi tal-Prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta li l-provi indizzjarji miġbura fil-kaz odjern meta abbinati mal-provi diretti jippuntaw f'direzzjoni waħda, u ċioe' li l-appellant kien propju wieħed mill-persuni li kien involut fis-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri, senjatament l-aggressur li kellu f'idu l-mus. Għalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li, abbażi tal-provi prodotti quddiemha, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għas-sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellant. Kwindi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju ieħor, din id-darba marbut mas-sitt imputazzjoni lilu addebitata u ċioe' dik dwar l-addebitu tar-reċediva. Issa fir-rigward ta' dan l-addebitu, kif ikkontemplat fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-appellant jisħaq illi bil-fatt illi l-Prosekuzzjoni teżebixxi sentenza tal-Qorti fejn l-Uffiċjal Prosekutur f'dik l-istanza, jinġieb bħala xhud biex jikkonferma l-identita' tal-persuna akkużata, ma hijiex prova sodisfaċenti skont il-liġi billi trid issir il-prova tramite ir-Reġistratur tal-Qorti illi dik is-sentenza għaddiet in gudikat u li ma hemmx xi appell pendenti fuqha u dan ovvjament meta si tratta ta' sentenza deċiża in prim'istanza.

Issa kien deċiż illi:

**"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.[2]"**

Dawn ir-rekwiżiti huma riflessi f'dak li jiddisponi l-artikolu 49(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar il-prova li trid issir dwar ir-reċediva b'sentenza ta' stat ieħor,fejn hemm hekk dispost:

**(2) F'xi proċeduri taħt jew għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument, debitament awtentikat, li jiċċertifika li persuna nstabe tħatja ta' reat kontra l-liġi ta' dak l-Istat jew parti minnu, fid-data speċifikata fid-dokument, għandu jkun ammissibbli bħala prova tal-fatt u tad-data tad-dikjarazzjoni ta' ħtija mingħajr ħtieġa ta' xi prova ulterjuri.**

**(3) Dokument għandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin tapplika:**

**(a) jekk jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza; jew**

**(b) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew**

**(ċ) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.**

Illi allura bil-fatt li tiġi eżebieta is-sentenza uffiċjali u awtentikata tal-Qorti bil-konferma tal-Uffiċċjal Prosekutur, u ssir il-prova ta'l-identita', ir-reċidivita' tal-persuna akkuzata hija ippruvata. Ma hux neċessarju, kif jikkontendi l-appellant, illi issir il-prova li tali sentenza hija finali, iktar u iktar meta l-persuna akkużata stess ma tkunx qanqlet din id-difiża in prim'istanza u tħalli kollox għaddej qisu mhu xejn biex imbagħad tasal issa fi stadju ta' appell u tressaq lanjanza f'dan ir-rigward. Illi meta l-

[2] Il-Pulizija vs Paul Abela deciza App.Krim 10/09/2004

Prosekuzzjoni tressaq il-provi tagħha, spetta lid-difiża imbagħad biex tattakka dik il-prova permezz jew ta' provi oħra jew anke bil-kontro-eżami tax-xhud, iktar u iktar meta jkun hemm il-prova magħmula permezz tar-Reġistratur fuq id-dokument li jawtentika dik is-sentenza. Ma jidhirx illi l-appellant wara li ġew eżebieti s-sentenzi u xehed l-Ufficjal Prosekutur għamel il-mistoqsijiet in kontro-eżami li, fil-fehma tiegħu, setgħu ixejjnu il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' sentenza uffiċjali tal-Qorti. Illi *di piu'* għalkemm il-fedina penali waħedha, kif ingħad, ma tistax tikkostitwixxi prova sodisfaċenti, madanakollu l-Qorti tista' tagħmel il-verfiki neċessarji meta tiġi eżebieta sentenza tal-qorti illi din hija waħda finali billi tara jekk l-istess tinsabx riflessa fil-fedina penali aġġornata ta'l-persuna akkużata.

Illi, f'dan il-każ, jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Fabian Fleri, sejjes il-prova dwar l-addebitu tar-reċidiva fuq żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, waħda mogħtija mill-Maġistrat (illum Imħallef) Neville Camilleri nhar is-7 ta' Marzu 2018[3] u l-oħra mogħtija mill-Maġistrat (illum Imħallef) Doreen Clarke nhar l-20 ta' Lulju 2016[4]. Illi fir-rigward tas-sentenza mogħtija fis-07 ta' Marzu 2018, jirriżulta mill-fedina penali aġġornata eżebita quddiem din il-Qorti illi l-perijodu operattiv ta' din is-sentenza ta' sena priġunerija sospiża għal sentejn reġgħet bdiet tiddekorri mill-ġdid mill-05 ta' Novembru 2019. Inoltre fir-rigward tas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Lulju 2016 fejn kien applikat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal tmintax-il xahar fil-konfront tal-appellant, kienet saret denunzja mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler fejn l-appellant kien weħel ammenda ta' €100 u l-perijodu tal-Ordni ta' *Probation* kienet estiża għal tlett snin oħra u dan fit-02 ta' Mejju 2018. L-ammenda tħallset fis-17 ta' Ottubru 2019.

Illi allura f'dan ix-xenarju probatorju żgur li ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir il-prova dwar il-ġudikat ta' dawn is-sentenzi. Dan magħdud, madanakollu, ma setatx l-Ewwel Qorti tistrieħ fuq dawn is-sentenzi sabiex issib ħtija għall-addebitu tar-reċidiva u dan għaliex fil-jum li kien kommess ir-reat u ċioe' fis-16 ta' April 2019 il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' sentejn kif deċiż fis-sentenza tas-17 ta' Marzu 2018 kien għadu

[3] Dok. FFX1 a fol.113
[4] Dok. FFX2 a fol. 147

ma iddekkorriex[5], u inoltre billi bis-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016 l-appellant kien tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* din ma kenitx tikkostitwixxi kundanna ai fini tal-addebitu tar-reċediva. Dan oltre għal fatt illi dawn iż-żewġ sentenzi kienu it-tnejn estiżi permezz ta' sentenzi oħra li ngħataw wara fil-konfront tal-appellant. Għaldaqstant, għal motivi diversi minn dawk indikati mill-appellant fl-aggravju tiegħu, tqies illi l-appellant ma kellux jitqies bħala reċidiv skont il-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' dina l-Qorti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jisħaq li l-istess kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Huwa jkompli jisħaq li llum-il ġurnata huwa biddel ħajtu għall-aħjar u li piena karċerarja mhux se tkun ta' benefiċċju għalih.

Illi, fil-fatt fil-kors tal-proċeduri odjerni, għal diversi drabi, xehed quddiemHa il-*Probation Officer* Matthew Fleri Soler li kien qed isegwi lill-appellant f'dawn il-proċeduri taħt Ordni ta' Superviżjoni Temporanja. Dan sar kemm fuq talba tal-appellant kif ukoll kif ordnat mill-Qorti, u dan sabiex ikun jista' jiġi ikkallibrat jekk l-appellant verament qiegħed ibiddel l-istil u l-istruttura ta' ħajtu billi jibqa' 'il bogħod mill-ħajja kriminoġenika. L-Uffiċjal tal-Probation saħaq fid-diversi drabi li xehed li l-imġieba tal-appellant baqgħet waħda konsistenti fejn huwa evidenti li dan biddel ħajtu għall-aħjar, miexi sew 'il quddiem fl-impenn tiegħu biex jegħleb l-vzzju tad-droga, dejjem irriżulta fin-negattiv għall-sustanzi lleċiti, llum-il ġurnata għandu impjieg stabbli bħala *plasterer, self-employed* u għandu relazzjoni familjari stabbli ukoll. Huwa jixhed li l-appellant issa għandu ħajja strutturata u stabbli u li miexi sew fit-triq it-tajba.

Illi, jibda biex jingħad illi fir-rigward tar-reat ewlieni addebitat lill-appellant u li dwaru instbaet il-ħtija, u ċioe' dak ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u ħin, l-Artikolu 274(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jistipula li –

---

[5] Artikolu 28A(5A) tal-Kodiċi Kriminali

**Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' offiża fuq il-persuna jeħel –**

**... (ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin.**

Illi, sussegwentement, l-Artikolu 277(b) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li –

**Meta s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skont l-artikoli 274, 275 jew 276, ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –**
**...**
**(b) jekk dan is-serq ikun akkumpanjat bil-kwalifika tal-"mezz", sew jekk ma' kwalifiki oħra kemm mingħajrhom, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A miżjuda bi grad jew tnejn.**

Dan ifisser illi l-massimu tal-piena li tista' tiġi erogata hija dik ta' bejn erba' snin u disa'snin priġunerija, biex b'hekk il-Qorti hija prekluża milli tapplika kemm il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll id-disposizzonijiet tal-Att dwar il-*Probation* u dan għaliex il-piena teċċedi kemm dik ta' sentejn priġunerija kif ukoll dik ta' seba' snin priġunerija.

Dak li jippreokkupa lil Qorti, iżda, huwa il-fatt illi jekk l-appellant jispiċċa nkarċerat iseħħ rigress fl-imġieba tiegħu u f'ħajtu, tenut kont tal-progress konsiderevoli li għamel u li dwaru xehed b'mod kostanti l-Uffiċjal tal-*Probation* quddiem din il-Qorti, fejn kien minnu segwit fuq Ordni Provviżorja ta' Superviżjoni u dan sa minn Diċembru 2022. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi kif elenkati iktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant huwa kandidat idonju sabiex fil-konfront tiegħu jkunu applikat id-disposizzjonijiet tal-*proviso* għall-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant l-aggravju dwar il-piena ser ikun milqugħ bil-Qorti tordna varjazzjoni fil-piena sabiex l-appellant jingħata l-aħħar ċans bil-għan li jkompli jimpenja ruħu fir-rijabilitazzjoni tiegħu, li għandu jwasslu sabiex jitbiegħed mill-ħajja tal-kriminalita'. Il-Qorti tawgura li l-appellant jibqa' miexi fit-triq it-tajba u temmen li temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija meritata. Dan bl-ebda mod ma jnaqqas mill-gravita' tar-reati minnu kommess,i b'dan għalhekk illi jekk huwa jonqos milli jobdi l-Ordni li ser tiġi imposta fuqu permezz ta' din is-sentenza jew inkella jekk

jerġa' iwettaq reati ġodda, l-Qorti mhijiex ser tkun iżjed klementi miegħu għall-ebda mottiv.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa, *in parte*, l-appell tal-appellant. Tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi –**

**i) Tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ħames (5) imputazzjoni dedotta kontrih u lliberatu minnha; u**

**ii) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjoni dedotti kontrih; u**

**iii) Tikkonfermaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant sabiex jħallas lil Renato Vidal bħala s-sid tal-ħanut bl-isem *The Convenience Shop* l-ammont ta' tlett mitt ewro (€ 300); u**

**iv) Tikkonfermaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont komplessiv ta' seba' mija, sitta u sebgħin Ewro u disgħa u tletin ċentezmu (€776.39) rappreżentanti l-ispejjeż tal-esperti inkorsi f'dawn il-proċeduri; u**

**v) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċidiva u ċioe' tas-sitt imputazzjoni miġjuba kontrih, u għalhekk tgħaddi biex tilliberah mill-istess.**

**vi) Tvarja il-piena inflitta. Tirrevokaha fejn l-appellant kien ikkundannat għall-piena karċerarja ta' erba' snin priġunerija u minflok tordna li jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett snin mil-lum, u dana ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan taħt is-sorveljanza tal-Uffiċċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jonqos milli jobdi l-Ordni imposta fuqu llum jew inkella jekk jikkommetti reat ieħor matul iż-żmien tal-Ordni.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**